**Tribunal Industrijali**

DECIZJONI NRU. 1429

Seduta tal-14 ta' Awissu, 2003

Kaz Nru. 1779/AD

Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn
Malta Drydoccks

U

General Workers Union dwar nuqqas ta' qbil fuq materji relatati ghal *chargemen*

It-Tribunal,

Ra l-ittra tal-10 ta' Lulju 2003 mibghuta mill-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fejn huwa rrefera lil dan it-Tribunal tilwima industrijali li hemm pendenti bejn il-Malta Drydocks u l-General Workers Union rigwardanti *chargemen* u fejn dan it-Tribunal gie mitlub jisma' u jiddeciedi din it-tilwima ai termini tat-Tielet Parti tal-Att XXII tal-2002.

Ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata mill-General Workers Union fejn din talbet lit-Tribunal sabiex jiddeciedi li l-Management tal-Malta Drydoccks ghandu minnufih u minghajr ebda skuzi fiergha jonora l-obbligi tieghu lejn it-tmintax il-*acting chargemen* li wiegbu ghas-sejha tal-applikazzjoni tal-4 ta' Marzu 2003.

Ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata mill-Malta Drydocks fejn hija indikat li l-kwistjoni li ghandha tigi deciza mit-Tribunal hija jekk fil-

kuntest tas-sitwazzjoni finanzjarja u tal-*policy* ta' ristrutturazzjoni tat-Tarznari, u fid-dawl tan-numru zejjed li diga' jezisti ta' chargemen, il-Malta Drydocks hijiex marbuta li taghmel hatriet godda fil-kariga ta' *chargemen* minkejja li dawn m'ghandhiex bzonnhom bl-implimentazzjoni tar-rijorganizzazzjoni mehtiega u gja deciza.

Sema' x-xhieda ta' John Cassar White, Peter Moore, tal-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali Dr. Lawrence Gonzi, Anthony Restall, Joe Sapiano, Tony Zarb, Charles Vella u Alfred Cassar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li prezentement fil-Malta Drydocks hemm wiehed u tletin (31) *acting chargemen* u li uhud minnhom ilhom *acting* ghal aktar minn sentejn. Il-Ftehim Kollettiv vigenti bejn il-partijiet jippermetti li jkun hemm dawn l-appointments temporanji mill-Management. L-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv li huwa intestat *"Temporary Appointments'* fil-fatt jipprovdi hekk:-

*"Temporary appointments will be made when circumstances are considered appropriate. An existing vacancy, unless the post is abolished, has to be filled in within three months unless prior agreement is reached with the Union."*

Jidher li kien jezisti ftehim tacitu bejn il-partijiet koncernati fit-tilwima odjerna li ghal certu zmien din il-klawzola ma tigix applikata fis-sens illi l-haddiema jkomplu jahdmu bhala *acting chargemen* minghajr ma

jinhargu s-sejhiet sabiex jimtlew il-postijiet vakanti. Dan il-ftehim tacitu ghamel riferenza ghalih John Cassar White, ic-Chairman tal-Malta Drydocks fix-xhieda moghtija fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2002, sar accenn ghalih minn Joe Sapiano li sa Mejju 2003 kien jokkupa l-kariga ta' President tat-Taqsima tal-Haddiema tal-Metall fi hdan il-General Workers Union u minn Alfred Cassar li llum jokkupa l-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima tal-Haddiema tal-Metall u li precedentement kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Segretarju ta' l-istess Taqsima. Inoltre l-provi cirkostanzjali jindikaw li effettivament il-Union ghal certu zmien ippermettiet li l-klawzola 46 tal-Collective Agreement ma tigix applikata. Jidher li ghal habta ta' Ottubru tas-sena 2002 bdiet issir analizi mill-Union u mill-Management tal-Mlalta Drydoccks inkwantu jirrigwarda dawk il-*vacancies ta' chargemen* li kellhom jintlew u li ghalihom kellha tohrog sejha ghall-applikazzjoni. Dan jirrizulta ampjament mill-Minuti tal-laqghat (kopji ta' liema jinsabu annessi mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-General Workers Union) li jsiru ta' kull gimgha bejn il-partijiet. Mill-istess Minuti jirrizulta wkoll li din il-lista giet iffinalizzata f'Dicembru 2002. Bejn l-ahhar ta' Frar u l-bidu ta' Marzu 2003 hargu sejhiet sabiex jimtlew *vacancies* ghal tmintax il-chargemen (Dok. 1A sa 18A annessi mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-General Workers Union). Il-process sabiex jintlew dawn il-*vacancies* gie sospiz temporanjament f'nofs Marzu 2003 (ara kopja ta' e-mail datata 12 ta' Marzu 2003 esebita minn Anthony Restall fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2003 – Dok. AR4) fejn l-Ufficcju tal-Prim Ministru ta struzzjonijiet fis-sens illi in vista tal-Elezzjonijiet Generali li kellhom isiru fit-12 ta' April 2003 *'as from today until a new Cabinet is formed following the General Election, no recruitment, appointments, promotions, effecting the conditions of service of staff should take place"*. Minn kopja ta' e-mail datata 30 ta'

Mejju 2003 (Dok. AR5 esebita fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2003) jirrizulta li l-Malta Investment Management Co. Limited (MIMCOL) tat struzzjonijiet lil Management tal-Malta Drydocks sabiex jipprocedu bil-process tal-*internal calls for application* rigwardanti 17 il-*chargeman*. Irid jigi rilevat li skond ittra datata 28 ta' Jannar 2003 u minn ittri datati 7 u 9 ta' Mejju 2003 jirrizulta li kienet mehtiega l-approvazzjoni tal-istess MIMCOL sabiex isiru *recrutiments,* jinhargu sejhiet, isiru promozzjonijiet eccetera. Nonostante cio' jidher li fis-16 ta' Gunju 2003 il-Management tal-Malta Drydocks iddecieda li jpoggi hmistax il-sejha sabiex jimtlew *vacancies* ta' *chargeman on hold* filwaqt li ddecieda wkoll li jirriattiva wahda mis-sejhiet (*chargeman of fitters afloat*) u li japprova u konsegwentement jappunta zewg *chargemen* (*CM of fitters electrical shop u CM of electrical fitters afloat).* Elenku dettaljat tal-imsemmija sejhiet li gew impoggija on hold u dawk li gew approvati u/jew riattivati jinsab indikat fid-dokument esebit minn Anthony Restall fis-seduta tad-29 ta' Lulju u mmarkat bhala Dok. AR1. Kopji tal-istess dokument gew ukoll esebiti mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Union (Dok. M) u mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Malta Drydocks (Dok. 1). Malli din id-decizjoni giet komunikata lit-Taqsima Metall u Kostruzzjoni fi hdan il-General Workers Union, il-Union harget direttiva lill-*Acting Chargemen* kollha sabiex sa mit-23 ta' Gunju 2003 ma jkomplux jaghmlu d-doveri ta' *acting chargemen*. Din id-decizjoni tal-Management tal-Malta Drydocks tifforma l-mertu tat-tilwima industrijali li dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi dwarha.

Il-Management tal-Malta Drydocks immotiva d-decizjoni tieghu li jpoggi s-sejhiet ghall-applikazzjoni ghal hatra ta' hmistax (15) on hold billi ghamel referenza ghal posizzjoni finanzjarja prekarja tal-

Malta Drydocks, li skond ix-xhieda ta' John Cassar White tat-22 ta' Lulju 2003 prezentement tista' tkompli topera biss bis-sussidji li jinghatawlha mill-Gvern, kif ukoll ghal Pjan ta' Ristrutturazzjoni imhejji mit-Task Force imwaqqfa mill-Gvern sabiex il-htiega tas-sussidji tigi eliminata tul medda ta' madwar seba' snin. Dan il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni huwa datat 11 ta' Ottubru 2001 u huwa anness mar-rapport imhejji mit-Task Force ghar-Ristrutturazzjoni tat-Tarzna mwaqqfa mill-Prim Ministru fis-26 ta' Settembru 2001 liema rapport gie approvat mill-istess Task Force f'laqgha tat-3 ta' Dicembru 2001. Dan ir-rapport tat-Task Force u l-Pjan ta' Ristrutturazzjoni gew esebiti fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2003 (Dok. PL/E). Il-Malta Drydocks tirrileva li skond dan il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni li jenfasizza l-htiega ta' *redeployment* u tnaqqis fil-*manpower*, hemm indikat lli huma mehtiega biss 66 chagemen fil-Malta Drydocks meta prezentement hemm diga' 113 chargemen tal-post. Il-Malta Drydocks isostni li una volta li dan il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni jigi attwat ikun hemm ghalhekk 47 chargemen in eccess ta' dak mehtieg minnha. Dejjem skond il-Malta Drydocks ikun ghalhekk process inutili li jigu appuntati 15 il-chargeman iehor li jkomplu jizdiedu mas-47 li diga' mhux ser ikunu mehtiega meta jigi mplimentat il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni, liema pjan ghandu jigi mplimentat fix-xhur li gejjin.

Il-General Workers Union min-naha l-ohra tinsisti li d-decizjoni tal-Management tal-Malta Drydoccks li tpoggi il-15 il-sejha sabiex jimtlew *vacancies* ta' chargeman on hold jikkostitwixxi ksur unilaterali tal-obbligu minnha assunt ai termini tal-Artikolu 46 tal-*Collective Agreement* li ghalih diga' saret referenza aktar il-fuq. IL-General Workers Union tirribadixxi li wiehed jista' jigi dispensat milli jonora obbligu assunt minnu permezz ta' *Collective Agreement* biss minn

dan it-Tribunal jew altrimenti jekk jintlahaq ftehim bejn il-partijiet involuti fil-Collective Agreement fir-rigward. Dejjem skond il-General Workers Union il-Ftehim Kollettiv huwa sagrosant u huwa principju fondamewntali tar-relazzjonijiet industrijali f'pajjizna li dan ma jistghax jigi mwarrab hlief bil-mod appena imsemmi. Il-General Workers Union tirrileva li l-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv dahal *in vigore* seba' snin ilu u l-iskop tal-introduzzjoni tieghu kien li jigi evitat li l-Management jabbuza mill-*acting posts*. Meta bdiet din it-tilwima industrijali il-*vacancies* rigwardanti il-hmistax il-chargeman in kwistjoni ma kienux gew abboliti, kwindi isegwi li ghadhom ezistenti u ghandhom jimtlew. Fil-kors tat-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-Union accetta li ghal certu zmien kien hemm il-kunsens tacitu tal-istess Union li l-*vacancies* fejn kien hemm *acting chargemen* ma jimtlewx, fis-sens li ma jinhargux sejhiet, izda dan il-kunsens gie rtirat fil-mument li l-Union bdiet tinsisti li jinharrgu s-sejhiet sabiex jimtlew il-*vacancies* ghal tmintax il-chargeman liema fattt gie debitament rikonoxxut mill-Malta Drydocks fil-mument li hija harget is-sejhiet in kwantu jirrigwarda dawn il-vakanzi.

It-Tribunal wara li ezamina bir-reqqa il-fatti kif esposti quddiemu u l-provi kollha migjuba mill-partijiet huwa tal-fehma li l-posizzjoni mehuda mill-General Workers Union hija gustifikata. It-Tribunal jaqbel li obbligi assunti permezz ta' Ftehim Kollettiv iridu jigu onorati u li parti ma tistghax unilateralment tiddeciedi li ma tkompliex tonora xi disposizzjoni ta' Ftehim Kollettiv minghajr ma tkun irrikorriet ghal decizjoni fir-rigward quddiem it-Tribunal Industrijali jew minghajr ma jkun hemm ftehim fir-rigward bejn il-partijiet li xi disposizzjoni ta' Ftehim Kollettivv ser tigi sospiza jew rexiza. It-Tribunal jaqbel ukoll li l-kunsens tacitu tal-Union in kwantu jirrigwarda it-tmintax il-*vacancy* li

intlahaq qbil dwarhom li kellhom jimtlew gie rtirat fil-mument li bdew id-diskussjonijiet dwar dawk il-*vacancies* li kellhom jimtlew u dan il-fatt gie rikonoxxut mill-Management tal-Malta Drydocks fil-mument li hija harget is-sejhiet sabiex jimtlew dawn il-postijiet. Il-Malta Drydocks taccetta li hija fil-fatt bidlet il-hsieb taghha fil-mument li hija ddecidiet li tpoggi l-process sabiex jimtlew *vacancies* ta' hmistax il-chargeman on hold u tatribwixxi din id-decizjoni ghal htiega li jigi implimentat il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni. Dan it-Tribunal jidhirlu li fil-mumennt li nharrgu is-sejhiet, u cioe' bejn is-26 ta' Frar 2003 u l-4 ta' Marzu 2003, il-Malta Drydocks kienet ben konxja mil-ezistenza tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni u mill-kontenut tieghu, liema pjan kien tlesta f'Ottubru 2001, u mill-htiega li dan il-pjan jigi mplimentat minghajr dewmien. Il-Malta Drydocks talludi ghal xi forma ta' pressjoni ezercitata mill-Union sabiex jinhargu is-sejhiet u ghal theddid ta' azzjoni industrijali. Apparti l-fatt li ma ngabux provi tangibli u konklusivi fir-rigward, it-Tribunal jidhirlu li anki jekk wiehed kellu jaccetta din it-tezi, xorta wahda il-Management ma jkunx gustifikat li johrog sejhiet sabiex jimtlew *vacancies* li skond hu ma kienux necessarji.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l-process ghal hatra ta' hmistax il-chargeman indikati f'Dok. AR1 esebit fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2003, liema process gie mqieghed on hold fis-16 ta' Gunju 2003, ghandu jitkompla. Waqt il-provi issemma ripetutament li sittax (16) il-sejha gew mpoggija on hold mill-Management tal-Malta Drydocks izda kif diga spjegat aktar il-fuq mid-dokument appena citat, u cioe' Dok. AR1, jidher li fil-fatt hmistax (15) il-sejha ghal post ta' chargeman gew impoggija on hold, filwaqt li tnejn gew approvati u wahda giet riattivata (reactivated). Bil-kelma *reactivated* it-Tribunal

qed jifhem li l-Management idddecida li l-process rigwardanti din is-sejha (C/M of Fitters Afloat C211) kien ser jitkompla. Jekk dan m'huwiex il-kaz , ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li anki l-process rigwardanti din is-sejha ghandu jitkompla.

Matul is-smiegh u t-trattazzjoni tat-tilwima odjerna saret riferenza ampja u dettaljata ghal Pjan ta' Ristrutturazzjoni imhejji mit-Task Force, liema Pjan ta' Ristrutturazzjoni saret riferenza ghalih aktar il-fuq u in vista ta' dan il-fatt u principalment in linea ma dak li jipprovdi l-Artikolu 80(1) tal-Att XXII tal-2002, dan it-Tribunal jidhirlu li ghandu jiddelibera u jipprovdi dwar dan il-Pjan ta' Ristrutturar in konnessjoni mal-kwistjoni tal-Acting Chargemen. L-artikolu 80(1) tal-Att XXII, u cioe' l-Att li jistabbilixxi dan it-Tribunal jipprovdi hekk:-
"Fl-ghoti ta' kull sentenza, decizjoni jew parir, it-Tribunal ghandu jqis il-politika socjali tal-Gvern bazata fuq principji ta' gustizzja socjali u l-htigiet ta' kull pjan nazzjonali ta' zvilupp u politika ekonomika ohra tal-Gvern li jkunu qed jigu mwettqa, u ghandu jara li jigi zgurat li s-sentenza, id-decizjoni jew il-parir tieghu jghinu it-twettiq ta' kull politika u pjani bhal dawk".

Dan l-Artikolu ghalhekk jimponi l-obbligu fuq it-Tribunal li fid-deliberazzjonijiet tieghu u fl-ghoti tad-decizjonijiet jikkunsidra kwalsiasi politika ekonomika jew socjali li tkun qed tigi mwettqa mill-Gvern tal-gurnata u li jassigura li d-decizjoni jew parir tieghu jghinu fit-twettiq ta' din il-politika socjali u ekonomika u ta' dawn il-pjanijiet.

Fix-xhieda moghtiija fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2003 il-Vici Prim Ministru u Ministru ghal Politika Socjali Dr. Lawrence Gonzi iddikjara li l-Pjan ta' Ristrutturazzjoni tat-Tarznari jifforma parti mill-pjan

nazzjonali tal-Gvern tal-gurnata u huwa spjega kif fl-2001 is-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha iz-zewg Tarznari waslet lil Gvern sabiex jappunta Task Force komposta minn rapprezentanti tal-Management tal-Malta Drydocks, minn rapprezentanti tal-General Workers Union li kienet il-Union li tirrapppreżżenta l-magguranza tal-haddiema fit-Tarznari, u rapprezentanti tal-MIMCOL bl-inkarigu specifiku *"li tfassal u tiddeciedi dwar pjan ta' ristrutturazzjoni, tghin biex jigi negozjat ftehim kollettiv gdid, u timmoniterja l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni fuq medda ta' snin bl-iskop li z-zewg tarznari jigu fuq saqajhom."* Il-Vici Prim Ministru, li huwa wkoll ic-Chairperson ta' din it-Task Force, kompla jispjega li bit-twaqqif tat-Task Force *"il-messagg tal-Gvern ried ikun li din hija ta' mportanza nazzjonali, u allura inghazlet il-kariga tal-Vici Prim Ministru li jippresjedi din it-Task Force proprju biex tigi enfasizzata li din hija wahda mill-prijoritajiet nazzjonali l-aktar importanti li kellna quddiemna".* Kif diga' ntqal aktar il-fuq it-Task Force hejjiet ir-rapport taghha li kellu jitlesta sa Dicembru 2001, liema rapport kien jikkomprendi wkoll il-Pjan ta' Ristrutturar tat-Tarzna, u dan ir-rapport gie prezentat lil Kabinett tal-Ministri. Il-Vici Prim Ministru spjega wkoll li meta gie prezentat dan ir-rapport, li huwa jghid li kien hemm qbil unanimu dwaru mill-membri tat-Task Force, lil Kabinett, gie deciz li t-Task Force ma tigix xjolta izda li ghandha tibqa' mwaqqfa sabiex fost affarijiet ohra tara li l-Pjan ta' Ristrutturazzjoni jigi mplimentat.

Jirrizulta ghalhekk b'mod inekwivoku li l-Pjan ta' Ristrutturazzjoni imhejji mit-Task Force ghaz-zewg Tarznari jifforma parti centrali mill-politika ekonomika u socjali tal-Gvern attwali, anki minhabba l-obbligi nternazzjonali assunti minnu permezz tas-shubija fl-Unjoni Ewropeja, u jsegwi ghalhekk li dan il-pjan ghandu jigi kkunsidrat

minn dan it-Tribunal fl-isfond tat-tilwima industrijali pendenti quddiemu, u dan in linea ma dak li jipprovdi l-Arrtikolu 80(1) hawn fuq citat. Dan it-Tribunal jidhirlu li mill-provi mressqa quddiemu irrizulta ampjament u inekwivokabilment li l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni hija assolutament necessarja u mehtiega. Jidher li huwa fl-interesss nazzjonali, fl-interess tal-haddiema taz-zewg Tarznari u fl-interess taz-zewg Tarznari infushom li pjan ta' ristrutturazzzjoni jigi attwat u implimentat mill-aktar fis possibbli. Irid jigi rilevat li l-istruttura attwali fit-Tarzna ghadha msejsa fuq l-istruttura ezistenti fiz-zmien l-Ammiraljat u li l-htiega ta' ristrutturar fil-mod kif topera t-Tarzna gie rikonoxxut sa mill-bidu tas-snin disghin meta gew imqabbda esperti sabiex jghinu fl-ifformular ta' pjan ta' ristrutturazzjoni.

In vista ta' din in–necessita' li l-Pjan ta' Ristrutturazzjoni jigi attwat u implimentat minghajr dewmien it-Tribunal jidhirlu li ghandu jwissi liz-zewg partijiet involuti f'din it-tilwima sabiex jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex jinbdew u jigu konkluzi in-negozjati dwar il-mod kif il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni ghandu jigi implimentat. Dan jinghad anki fl-isfond ta' dak li ntqal mill-Vici Prim Ministru fix-xhieda tieghu inkwantu jirrigwarda l-haddiema in eccess wara li jigi mplimentat il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni fejn huwa jghid li l-mira tal-Gvern hija li jasal ghan-numri indikati fil-Pjan ta' Ristrutturazzjoni vis a vis manpower *"minghajr ma jittermina x-xoghol jew b'xi mod jew b'iehor itellef l-impjieg lil xi hadd"*. Huwa fil-fatt assikura li m'hijiex ser tigi kkrejata sitwazzjoni ta' *redundancy*. It-Tribunal jixtieq jenfasizza li huwa bl-ebda mod ma huwa qed jiddeciedi jew jikkumenta dwar il-validita' o meno tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni stante li jirritjeni li m'huwiex il-kompitu tieghu li jaghmel dan, izda kif diga' intqal aktar il-

fuq huwa qieghed jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni hija assolutament necessarja u mehtiega u ghalhekk huwa jidhirlu li ghandu jipprovdi fir-rigward bil-mod segwenti.

Aktar il-fuq saret riferenza ghal ftehim jew ahjar arrangjament tacitu ezistenti bejn il-Management tal-Malta Drydocks u l-General Workers Union fis-sens li certu impjegati setghu ikomplu jahdmu bhala acting chargemen ghal perijodu ta' aktar minn tlett xhur minghajr ma ssir sejha ghall-applikazzjonijiet ghal postijiet vakanti biex jimtlew permanentement. Fi ftit kliem il-klawzola 46 tal-Ftehim Kollettiv kienet qed tigi, b'kunsens tal-General Workers Union u tal-Management tal-Malta Drydocks, mhux applikata. It-Tribunal jidhirlu li sabiex jintlahaq l-ghan tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni, u sabiex jinkoraggixxi l-inizzjar u l-konkluzjoni tan-negozjati bejn il-partijiet koncernati dwar il-mod kif il-Pjan ta' Ristrutturazzjoni ghandu jigi implimentat, ghandu jordna li dan il-ftehim tacitu ghandu jerga' jibda jsehh minnufih u jibqa' fis-sehh ghal perijodu ta' sena mill-llum u ghandu japplika ghal haddiema fi hdan il-Malta Drydocks li jkunu qeghdin jahdmu ta' acting. Dan ifisser li ghal perijodu ta' sena mill-llum, jew meta jintlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni fl-eventwalita' li jintlahaq ftehim u n-negozjati jigu konkluzi qabel il-perijodu ta' sena prefiss minn dan it-Tribunal, jitnehha l-obbligu tal-massimu ta' tlett xhur acting impost mill-artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv, jew dak ta' prvvediment iehor simili fi Ftehim Kollettiv iehor li jista' jkun in vigore f'dak iz-zmien. Mal-eghluq ta' sena, u cioe' fl-14 ta' Luju 2004, jew meta jintlahaq ftehim konklusiv dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ristrutturazzzjoni fl-eventwalita' li dan

isehh qabel il-perijodu ta' sena li qed jigi hawn prefiss, ghandhom jergghu jibdew japplikaw il-provvedimenti fir-rigward ta' temporary posts tal-Ftehim Kollettiv li jkun in vigore f'dak iz-zmien.

It-Tribunal jidhirlu wkoll li huwa ghandu jenfasizza, u dan anki fid-dawl ta'dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2003, li waqt li tkun qed tinstema' tilwima industrijali quddiemu, kwalsiasi azzjoni industrijali relatata mat-tilwima li tkun ittiehdet mill-Employer, mill-Union jew mill-impjegat ghandha tigi sospiza sakemm it-tilwima tigi finalment deciza u dan stante l-fatt li jistghu jigu kagunati danni irreparabbli lil partijiet involuti fit-tilwima.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddeciedi din it-tilwima industrijali rigwardanti *acting chargemen* fi hdan il-Malta Drydocks bil-mod segwenti:-

1. Billi jordna li l-process rigwardanti l-hatra ta' hmistax il-chargeman li gie mqieghed on hold mill-Management tal-Malta Drydocks fis-16 ta' Gunju 2003 ghandu jitkompla;
2. Billi ghar-ragunijiet li ghalihom saret ampja referenza aktar il-fuq fil-korp ta' din id-Decizjoni, jheggeg lil partijiet sabiex jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex jinbdew u jiigu konkluzi in-negozjati dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ristrutturazzjoni, u billi jordna li l-ftehim tacitu ezistenti bejn il-Malta Drydocks u l-General Workers Union li ghalih saret referenza aktar il-fuq u li jirrigwarda n-nuqqas tal-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Ftehim Kollettiv jigi

prorogat jew ahjar jerga' jigi fis-sehh ghal perijodu ta' sena mill-llum u dan bil-modalitajiet indikati aktar il-fuq.

**Audrey Demicoli LL.D**
**Chaiperson**

**Frans Coleiro**
**Membru**

**Arthur Muscat BA**
**Membru**